MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta ta' l-20 ta' Settembru, 2007

Numru 528/2004

Il-Pulizija
(Spettur Jeffrey Cilia)

vs

Saviour Cacciattolo

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imputat Saviour Cacciattolo detentur ta' karta ta' identita' numru 480372M, akkuzat talli:

Nhar id-19 ta' Frar 2001, ghall-habta ta' l-4:00 p.m., f'San Giljan, ikkommetta serq ta' bagalja minn gol-Bernard Hotel, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz u li sar ghad-detriment tal-koppja Patrick u Odette Weibel;

Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor,

mobbli jew immobbli, liema hsara taccedi l-hamsin Lira Maltin (Lm50) izda mhux il-hames mitt Lira Maltin (Lm500) ghad-detriment tal-kumpanija Bernard Hotel Ltd.

Fl-istess dati, hin, lok u cirkostanzi xjentement b'kull mod li jkun, laqa ghandu jew xtara hwejjeg (il-bagalja imsemmija hawn fuq) misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b'kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom.

Sar recidiv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, diversament preseduti, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula jew mhassra.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza issir sommarjament mhux opposta.

Rat l-atti u d-dokumenti.

Rat l-ahhar verbal fejn il-Qorti giet infurmata illi l-imputat miet fil-mori tal-kawza.

Stante dan il-fatt il-Qorti tiddikjara procediment esawrit u tieqaf milli tiehu aktar konjizzjoni tal-kawza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------